Nov 2020

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



## Kunsill li għaraf ikompli b'ħidma fejjieda minkejja ċirkustanzi diffiċli

### Several accomplishments by our Local Council, despite difficult circumstances



# Messaġġ mis-Sindku EDWARD SAID

Mingħajr ma forsi ntbaħna diġà għaddiet l-ewwel sena ta' ħidma ta' din id-disa' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tar-raħal tagħna.

Żgur li kienet sena li magħha ġabet affarijiet straordinarji li bħal daż-żmien sena lanqas ħadd minna ma kien joħlom li se ngħaddu minnhom. Nistgħu ngħidu bla tlaqlieq li l-pandemija tal-Covid 19 matul l-2020, mhux biss xekklitna imma waqqfitna mill-ħidma normali u ħarbtitilna l-pjanijiet kollha li kienu maħsuba. Kien biss bl-għaqal tal-Kunsill kollu kemm hu li rnexxielna niffukaw fuq ħidma alternattiva, totalment differenti minn kif nafuha s-soltu.

Waħda mill-affarijiet li l-iktar li nħasset kienet li l-attivitajiet tas-soltu kellhom jiġu litteralment imħassra minn fuq il-lista tal-Kunsill u minn dak kollu li n-Nadurin kienu mdorrijin bih minn sena ghal oħra. Madanakollu, minflok ma ntefa' jibki f'rokna, il-Kunsill iffoka ħafna iktar fuq xogħol ta' manutensjoni madwar ir-raħal u fl-istess ħin ħadna l-opportunità biex nppjanaw iktar fuq proġetti ġodda għas-snin li ġejjin, meta wieħed jittama li l-maltemp tal-pandemija jkun għadda minn fuq pajjiżna.

Tajjeb li ngħidu li baqgħet għaddejja l-ħidma u d-diskussjoni mal-Ministeru għal Għawdex sabiex setgħet tingħata iktar attenzjoni lit-toroq tan-Nadur.

Bil-limitazzjonijiet kollha li l-pandemija ġabitna fihom, il-Kunsill irnexxielu jdawwar din il-ħaġa negattiva f'opportunità u llum b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li filwaqt li l-Kunsill baqa' wieħed magħqud, il-kunsilliera kollha baqgħu ffukati fuq xogħolhom u bqajna naraw kif b'modi differenti minn tas-soltu bqajna kemm stajna u kif stajna qrib ir-residenti.

Ma nistax ma nappellax lir-residenti kollha tan-Nadur biex f'dawn iż-żminijiet straordinarji u diffiċli, kulħadd ikun prudenti iktar minn qatt qabel. Huwa ferm importanti li filwaqt li kull wieħed u waħda minna nieħdu ħsieb saħħitna, nikkoperaw billi nsegwu kull struzzjoni mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex inkunu qed nieħdu ħsieb saħħet ħaddieħor ukoll. Inħarsu 'l quddiem b'kuraġġ għax bl-għajnuna t'Alla, għad jerġa' jisbaħ bnazzi. F'isem il-Kunsill Lokali nieħu l-opportunita sabiex nawgura bil-quddiem, il-festi tal-Milied it-tajba lil kulħadd.

- *First year of 9th legislature brought with it unusual times.*
- *Covid-19 stopped us from normal routine work and disrupted plans.*
- *Council managed to focus on alternative work, despite no activities and events.*
- *Focus was on maintenance work around Nadur and took the opportunity to plan new projects.*
- *Discussions underway with MGOZ re streets' resurfacing.*
- *Council remained united and focused on its work and duties.*
- *Appeal to residents – be more prudent in such difficult times and follow Health Authorities instructions.*

# Bini ta' ħitan wara l-Maltemp

In-Nadur huwa mogħni b'żoni rurali, li jsebbħu u jagħtu karattru mill-isbaħ lill-lokalità. Però kull meta' jagħmel maltemp qawwi, jiġġarrfu diversi ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill Lokali jara li fi żmien qasir jibni mill-ġdid dawn il-ħitan u jsewwi l-ħsarat. Ser nibqgħu hemm għall-bdiewa u r-raħħala Nadurin.

*Nadur is gifted with rural areas giving a wonderful character to the locality. Severe storm lead to the collapse of rubble walls. The Local Council rebuilds these walls and repairs the damages in a short span of time.*






# XOGĦOL RELATAT MA' TOROQ FIN-NADUR

Fl-aħħar xhur intensifikat il-ħidma tal-Ministeru għal Għawdex fuq diversi toroq fin-Nadur. Dan wara diversi talbiet tal-Kunsilli Lokali sabiex insolvu problemi f'toroq li qed iċedu u anke toroq fi stat diżastruż. Minbarra l-bini ta' parti minn Triq il-Madonna ta' Fatima (li jonqosha bankina u railings ġodda), qed isir il-bini ta' Triq it-Torri ta' Kenuna. Sar ukoll il-bini mill-ġdid tan-niżla lejn il-Bajja ta' San Blas, ingħata wiċċ ġdid lit-triq rurali ta' Wied il-Buskett, u beda x-xogħol fuq Triq il-Ramla l-Ħamra (il-Qadima). Minbarra li issa qabad ritmu tajjeb fuq Triq l-Imġarr, qegħdin f'diskussjonijiet mal-MGOZ sabiex ningħataw fondi għall-aktar toroq fl-2021. Grazzi lil Ministru għal Għawdex, Clint Camilleri, li qed jisma' t-talbiet tagħna.

*Intensified works by MGOZ on various roads in Nadur, following several requests from the LC. In addition to the construction of part of OLO Fatima Street, the re-building of Kenuna Street is being carried out. Reconstruction of the ramp towards St Blas Bay was done, the rural road of Wied il-Buskett was resurfaced, and work began on (Old) Ramla Road. Works are underway at Mgarr Road and we are in discussions with MGOZ to fund other roads in 2021. Thanks to the Minister for Gozo, Clint Camilleri, who is listening to our requests.*







Triq il-Bajja ta' San Blas






Wiċċ ġdid fil-wied ta' Triq Buskett

Ikompli għaddej ix-xogħol
fuq Triq l-Imġarr





Jibda x-xogħol fuq il-bini ta' Triq it-Torri ta' Kenuna





Bini ta' parti minn Triq Fatima

Triq ir-Ramla u Triq Dun Anton Tabone
ser jingħataw wiċċ ġdid

# PANDEMIJA COVID-19

## ĊIRKUSTANZI LI QATT MA IMMAĠINAJNA

Quddiem pandemija li ġabet lid-dinja għarkupptejha, l-Kunsill Lokali kellu jieħu diversi miżuri drastiċi li jħarsu s-saħħa tar-residenti. Fosthom li waqqafna ħesrem kull attività tal-massa u anke fejn jiltaqgħu gruppi ta' nies, id-Day Centre tal-Anzjani, inizjattivi soċjali u anke laqgħat. Kien hemm żmien fejn anke kellna nagħlqu postijiet bħal-Librerija Pubblika. Illum qed nippruvaw insibu mezzi kif nibqgħu noffru ċertu servizzi filwaqt li ma npoġġux saħħitna f'riskju.

*Covid-19 pandemic led to drastic measures, especially stopping all mass activities, the elderly Day Centre, social initiatives and meetings. Some public places had to be closed for some time. We are trying to find ways to continue to offer certain services while safeguarding public health.*



Il-Pjazza fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira

*Nadur Square during Good Friday*



Iffumigar tal-Uffiċji u Ċentru tar-raħal

*Fumigation of Offices and Centre*






Inizzjattiva ta' Arti mit-Tfal – *artwork initiative for kids*

## KWISTJONI TAR-REĠISTRAZZJONI TAL-ARTIJIET



Diversi residenti Nadurin ġew milquta minn reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet ta' partijiet kbar min-Nadur. Il-Kunsill Lokali fehem din il-preokkupazzjoni u għamel pressjoni kbira fl-aħħar xhur sabiex din il-materja tingħata l-attenzjoni. Grazzi għall-Kunsill Lokali, saru laqgħat pubbliċi, tqajmet fil-Parlament, u anke fir-Reġjun t'Għawdex. L-aħħar informazzjoni li għandna hija li l-Gvern talab kjarifiki u kien qiegħed jivverifika l-aġir tal-uffiċjali tal-Aġenzija, filwaqt li għaddejja investigazzjoni mill-Pulizija. Filwaqt li nħeġġu lir-residenti milquta sabiex jieħdu pariri legali meħtieġa, il-Kunsill Lokali ser jibqa' jsegwi dan il-każ u jagħmel dak kollu li jista' sabiex jipproteġi lir-residenti.

*Several residents have been affected by a sudden registration with the Land Department of large parts of Nadur. The Council has put a lot of pressure in recent months to bring this matter to attention. Public meetings were held, and the issue was raised in Parliament and Gozo Region. The latest information we have is that the Government has requested clarifications and has been verifying the conduct of the Agency officials, while an investigation is underway by the Police. We encourage residents to take necessary legal advice. We will continue to follow up on this case and do everything we can to protect the residents.*

# NADUR NADIF

## CLEAN-UPS





- A clean up should not be a monthly event – everyone has to protect the environment every day.
- The irresponsibility of the few is harming our environment.
- Clean ups help protect the fragile biodiversity of our islands.
- Nadur Nadif is doing its best – and YOU?

**Luke Said**
*Nadur Nadif*

# AKTAR PROĠETTI MWETTQA FIN-NADUR

## INVESTIMENT TA' €25,000

### RAILINGS ĠODDA FI TRIQ L-ARĊ. SAVER CASSAR

- Railings li kienu spiċċaw totalment u saru ta' periklu.
- Grazzi għall-fondi ta' DPF (PA) irnexxielna nagħmluhom ġodda.
- Issa isbaħ minn qabel, jinkludu l-arma tan-Nadur, u skont l-istandards.
- Kif tinbena Triq ta' Kenuna ser jeħlu l-ġodda hemm ukoll.

- *New Railings at Arc. Saver Cassar Street, thanks to DPF funds. They now provide more safety, improve the area and include the nadur emblem. Next are the ones at Kenuna Street.*


Qabel


Wara

## NINVESTU F'SAĦĦITNA

### AED ĠDID FIN-NADUR

- Ftit snin ilu installajna l-ewwel AED ħdejn il-Kunsill Lokali, grazzi għal Malta Cadets Corps.
- Issa, grazzi għal Gozo CCU Foundation u Carmen Bellamy, ġejna mogħtija AED ieħor.
- Ser jiġi installat ħdejn il-Playing Field tal-Ħali biex nolqtu area oħra.

- *A new AED to be installed next to Tal-Ħali Playing Field, donated by Gozo CCU Foundation. Few years back we installed the first AED next to Local Council offices.*





## INVESTIMENT TA' €30,000
### INSEBBĦU L-AMBJENT URBAN

- Kunsill Lokali li verament jemmen fit-tisbiħ tal-ambjent.
- Investiment qawwi grazzi għall-fondi taħt skema apposta mill-Gvern Ċentrali.
- Ġew installati planters ġodda ta' kwalità, siġar u xtieli ġodda u anke tħawlu aktar pjanti fil-ġonna.
- Proġett li ffoka fuq iż-żoni urbani u messejna kull parti tar-raħal.

- *A significant investment in urban greening thanks to central Government funds. We installed new planters, trees and plants in urban zones, practically in all areas of Nadur.*





## POSTIJIET TA' RIKREAZZJONI
### PICNIC BENCHES TA' XURDIN

- Wara li nsterqu picnic benches tal-injam minn Ta' Xurdin, il-Kunsill Lokali ħaseb f'xi ħaga attraenti u li ma tintmesx.
- Ġew maħduma picnic benches f'din iż-żona rurali mill-ħaddiema tagħna.
- Issa jistgħu jerġgħu jitgawdew fost l-ambjent mill-isbaħ tal-madwar.

- *The original wooden benches were stolen, and the Council's workers built these new picnic benches that complement this rural zone, improving our recreational spaces.*





# NIEĦDU ĦSIEB L-ISPAZJI RIKREATTIVI TAN-NADUR

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iddeċieda li, fin-nuqqas ta' attivitajiet, idur dawra tajba l-ispazji rikreattivi u jagħmel ix-xogħol ta' tiswija li hemm bżonn. Dan sewa ħafna flus peress li ridna naċċertaw xogħol ta' kwalità u li jservi, u rridu nirringrazzjaw lill-ħaddiema tagħna għad-dedikazzjoni tagħhom. Ix-xogħol li sar f'dawn is-siti issa jista' jitgawda minn kulħadd.

*Taking care of Nadur's recreational sites: In the absence of activities, we carried out the necessary repair works at several sites. This costed a lot of money as we wanted to ensure quality and durable work. Special thanks to our staff for their dedication.*



















**ĊENTRU TAR-RAĦAL**
- manutenzjoni tal-brazzi, bankijiet, bollards, tabelli, shelter tal-gwerra u anke tal-kanuni.

**TORRI TA' SOPU** – tiswija tal-bibien, railings, arblu u taraġ.












**ĠNIEN IL-KUNSILL** - xogħol fuq l-istatwa tal-Madonna, logħob tat-tfal u anke l-gazebos.

# AKTAR XOGĦOL TA' MANUTENZJONI FI SPAZJI PUBBLIĊI

## *More maintenance related works at public spaces*







**ĠNIEN TA' SAN BLAS** - tiswija tant bżonjuża tal-bankijiet u railings fil-belvedere u tal-Gazebo.







**PARTITA TAL-BOĊĊI F'SAN BLAS** - tikħil kullimkien, żebgħa u tiswija ġenerali.



**PLAYING FIELD TA' SAN BLAS** - dehra ġdida lir-railings, gate ta' barra u anke lil-logħob tat-tfal.









**PLAYING FIELD TAL-ĦALI** - xkatlar u żebgħa tal-bankijiet, railings u bdejna anke l-logħob tat-tfal.

# ĦIDMA TA' TISWIJA U MANUTENZJONI
## LI MA TIEQAF XEJN MADWAR IN-NADUR
*Non-stop repairs and maintenance works around Nadur*







**UFFIĊJU TAL-KUNSILL LOKALI**
- manutenzjoni tal-aperturi u tiswija tal-arblu.











Xogħol estensiv fuq id-dwal dekorattivi ta' diversi spazji rikreattivi.





Tindif tal-Gutters ta' Wied Binġemma bil-kollaborazzjoni ta' Eco-Gozo.



Tiswijiet neċessarji fil-bajja ta' Daħlet Qorrot u fil-ħitan tat-triq tal-Bajja ta' San Blas.







Bankijiet kollha tan-Nadur - xkatlar, żebgħa u bdil ta' injam skont il-bżonn.

# ĠIEĦ IN-NADUR 2020
## SORIJIET FRANĠISKANI NADUR

*Avguri u Nifirħulhom*



*Locality Honour 2020 goes to Franciscan Sisters of Nadur!*

# AMBAXXATUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur jawgura lil Owen Buġeja li qed iservi f'dan l-irwol għas-sena 2020-21.

*Avguri u Prosit*

*Congratulations to Owen Bugeja, selected as Youths Ambassador for 2020/21.*



# SORT IT OUT
## KERBSIDE TRUCK

Ir-raba' Ħamis ta' kull xahar sabiex tarmu tessuti, żejt tal-ikel, bozoz, tubi, ġablow, ħġieġ, plastic, metall jew kartun.

*Every fourth Thursday of the month to dispose of textiles, cooking oil, light bulbs/tubes, polystyrene, glass, plastic, metal, paper and cardboard.*



# LIBRERIJA PUBBLIKA NADUR
## ĦINIJIET TAL-FTUĦ
## OPENING HOURS

**MONDAY, WEDNESDAY and FRIDAY**
**15.00-17.00**

**SATURDAY**
**09.00-12.00**